ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 33/14**
***Kienet addottata Aġenda nru. 27/2014***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 22 ta' Lulju 2014**

**Ħin: Fis-6.00 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Marija Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjorina Daphne Caruana – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 32/14

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 32/2014 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 32/14

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza-:

Ittra mibgħuta mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex dwar l-organizzazzjoni ta' *health workshops* fil-komunita`. Il-Kunsill ftiehem li juri interess f'dawn il-*workshops*.

Ittra mibgħuta mill-Assistent Kummissarju M. Spiteri rigward il-kommemorazzjoni tal-Kuntistabbli Santo Cassar. Il-Kunsill qabel li jorganizza din il-kommemorazzjoni.

Approvazzjoni ta' Transport Malta biex jinżebgħu *double yellow lines* faċċata tal-garaxx tar-residenza Arcangle, Triq Skapuċċina. Il-Kunsill ma approvax li jsiru *double yellow lines*.

Ġie deċiż li wara l-festa, issir laqgħa pubblika dwar *traffic management* mill-knisja l' isfel.

Komunikat mibgħut mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ Żebbuġ dwar l-organizzazzjoni ta' *fun run* u seminar li se jsir fil-Kumpless Sportiv ta' Kirkop dwar l-attivita` Move Week. Il-Kunsill qabel li flimkien mal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ jorganizza *fun run* li tispiċċa x-Xwejni u jipprovdi trasport għaż-żgħażagħ għas-seminar li se jsir fil-Kumpless ta' Kirkop.

**Applikazzjonijiet**
**għall-permess tal-Kunsill Lokali**

| | Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali |
|---|---|
| (i) Gozo Jeep Tours<br>Għal ċerimonja ta' żwieġ<br>nhar id-9 ta' Awwissu 2014 fix-Xwejni. | Approvata. |
| (ii) Catermax<br>Għal riċeviment ta' tieġ<br>nhar l-4 ta' Ottubru 2014 fix-Xwejni. | Approvata. |
| (iii) Soċjeta` Filarmonika Santa Marija<br>Għal serata ta' kant u divertiment nhar is-26 ta' Lulju 2014 fi Triq il-Knisja. | Approvata – ma jsirx *parking* fi Triq Ġoma u Triq il-Kappillan Franġisk Vella. |

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat il-minuti tal-laqgħa tal-Bord ta' Evalwazzjoni dwar l-offerti mitfugħa għall-Kuntratt ta' kisi mill-ġdid ta' parti minn Triq Ta' Ħabel it-Twil bil-konkos.

Il-Kunsill Lokali għażel l-offerta ta' Road Construction Co Ltd li kienet l-irħas waħda.

## 5. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. 41/2014 – Domitilla Cefai**
Tinbidel il-bankina ta' quddiem ir-residenza 42A, Triq Skapuċċina. It-talba kienet approvata mill-Kunsill.

**Nru. 42/2014 – Andy Xuereb**
Talab biex jnżebgħu *double yellow lines* f' kantuniera fi Triq is-Sagħtrija, quddiem ir-residenza 'Bernardine'. Talba approvata.

**Nru. 43/2014 – il-Kunsillier Joseph Camilleri**
Tingħalaq l-*area* tal-*iskips* ta' Triq iż-Żebbuġ. Is-Sindku talab biex jittieħed vot fuq il-proposta tal-Kunsillier Camilleri.

Favur – il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Camilleri, Refalo u Saliba.

Kontra – is-Sindku

Erba' voti favur u vot kontra.

Il-proposta għaddiet u kien maqbul ukoll li s-sit jingħalaq bil-ħamrija u jitħawwlu siġar taż-żebbuġ.

Il-Kunsillier Refalo rtira mill-kamra tal-laqgħat.

**Nru. 45/2014 – Mary Xiberras**
Talbet biex isir 1.5 mtr *Keep Clear* quddiem l-entratura prinċipali ta' Mary Flts fi Triq ix-Xwejni biex ikollha aċċess għal ġol-intrata bil-*motorcyle*. It-talba kienet approvata.

**Nru. 46/2014 – Alfred Attard**
Issir bankina quddiem ir-residenza 'Morning Star', Triq Għajn Mhelhel. It-talba kienet approvata.

**Nru. 47/2014 – Emanuel Cini**
Biex ikun iċċekjat ħajt tat-triq fil-limiti tal-Wied tal-Ħamra. Kien miftiehem li ssir *site visit* mis-Sindku.

**Nru. 48/2014 – il-Kunsillier Joseph Camilleri**
Ippropona li:

- jsir il-bexx ta-siġar taż-żebbuġ fi Triq iż-Żebbuġ.
- jissaqqaf gandott fi Triq is-Sagħtrija.

Il-Kunsill approva:

- l-bexx tas-siġar taż-żebbuġ (Louis Dimech).
- tintafa ftit ħamrija biex iż-żebbuġ ikun jista' jinħarat.
- li jissaqqaf il-gandott fi Triq is-Sagħtrija (Paul Caruana).

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 25/2014 – DOK A għall-perijodu bejn l-14 ta' Ġunju 2014 u s-16 ta' Lulju 2014 kienet approvata.

## 7. FESTA SANTA MARIJA

Għall-ġranet tal-festa ta' Sta Marija, il-Kunsill approva li jorganizza dawn l-attivitajiet:

- Kunċert mill-Banda Sta Marija bil-kollaborazzjoni tiegħu l-Erbgħa 20 ta' Awwissu 2014 fi Triq il-Knisja (budget ta' €1,000).
- Attivita` soċjali bis-sehem ta' diversi kantanti mill-Kumitat Żebbuġ Rovers FC bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill il-Ħamis 21 ta' Awwissu 2014 fi Triq il-Knisja (budget ta' €800).
- Tiġrijiet taż-żwiemel is-Sibt 23 ta' Awwissu 2014 (budget ta' €1,000). Il-Kunsillier Camilleri ddikjara li hu ma jaqbilx.
- *Sky concert* nhar lejliet il-festa ta' Sta Marija (budget ta' €2,000).

## 8. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill approva:

- jitwaħħal sinjal juri 'L-għawm tal-klieb huwa projbit' fil-Bajja tal-Qbajjar.
- ħarġa għall-festa tas-Salvatur ta' Ħal Lija.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li l-pompi tal-funtana tal-*promenade* tal-Qbajjar ma nstabux fil-*basement* tal-Kunsill.

Dwar is-sinjali tat-traffiku li saru fi Triq iż-Żebbuġ, is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri x' *feedback* kellhom dwar dawn is-sinjali. Il-kummenti tal-Kunsillieri kienu pożittivi.

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna *sine die*.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |